MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 233/2010

**A B**
**vs**
**C D sive E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li minn relazzjoni ta’ bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal, Eric u Alexandria li ghandhom 7 u 5 snin rispettivament; li din ir-relazzjoni ntemmet; li mit-twelid taghhom il-minuri dejjem kienu fil-kura u kustodja de facto ta’ l-attrici li hadet hsieb il-bzonnijiet taghhom, filwaqt li l-konvenut mhux qed jikkontribwixxi xejn ghalihom; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti [1] tafda l-kura u kustodja tal-minuri lilha, b’ access favur il-konvenut; u [2] tordna li l-konvenut ihallas lilha manteniment ghaz-zewg uliedhom; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat li fl-udjenza ta' llum il-partijiet prezentaw nota kongunta, kontenenti ftehim raggjunt minnhom dwar il-meritu tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob il-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-partijiet, u l-hlas ta' manteniment da parti tal-konvenut ghall-istess.

Illi permezz ta' nota prezentata minnhom fl-udjenza ta' llum il-partijiet ipprezentaw ftehim bejniethom dwar il-meritu tal-kawza. Kopja ta' dan il-ftehim qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A].

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li taddotta fl-intier tieghu l-ftehim raggjunt bejn il-partijiet, hawn anness, tilqa' t-talbiet ta' l-attrici fit-termini ta' l-istess.

L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------